# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru 353/2015 FDP**

Fl-ismijiet

**Sandro Falzon (K.I. 327379M)**

**Vs**

**Ebenezer Attard (K.I. 225782M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 17 ta' April 2015, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi fl-2011 sar kuntratt ta' permuta bejn Sandro Falzon u Ebenezer Attard fejn tal-ewwel ikkonsenja lit-tieni vettura tal-għamla Honda S2000 filwaqt li l-intimat in kontrakkambju kkonsenja lir-rikorrent vettura tal-għamla BMW M Sports Hatchback. Il-prezz tas-suq taż-żewġ vetturi kien dak ta' €17,400;*

    2. *Illi madwar xahrejn wara dan l-imsemmi trasferiment, ir-rikorrent biegħ lil ċertu Karl Buhagiar l-imsemmija BMW li kien akkwista mingħand Ebenezer Attard għall-prezz ta' €17,400;*

    3. *Illi ftit żmien wara rriżultaw xi ħsarat fl-istess vettura u Karl Buhagiar istitwixxa proċeduri legali fil-konfront tar-rikorrenti għar-rexxissjoni tal-bejgħ tal-vettura in kwistjoni minħabba allegati difetti latenti;*

    4. *Illi fil-fatt irriżulta li l-vettura BMW M Sports Hatchback kellha mileage differenti minn dak indikat u li kien mileage li Ebenezer Attard kien indika*

*lir-rikorrenti fuq skorta ta' service report maħruġ minn Muscat Motors u li kellha diversi parts li ma kinux dawk oriġinali tal-istess vettura;*

5. *Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet Karl Buhagiar vs. Sandro Falzon tal-15 ta' Jannar, 2015 (Rik. Ġur. Nru. 945/2011 JPG) il-Prim'Awla tal Qorti Ċivili kkundannat lir-rikorrent iħallas lil Karl Buhagiar is-somma ta' €18,197.54 oltre l-ispejjeż tal-istess kawża kif ukoll ordnat ir-rexxissjoni tal-bejgħ tal-vettura in kwistjoni;*

6. *Illi effettivament ġie dikjarat li l-vettura BMW M Sport Hatchback kienet bla valur u għalhekk effettivament l-intimat irriżulta li ma kien ħallas l-ebda prezz jew konsiderazzjoni għall-akkwist da parti tiegħu tal-vettura Honda S2000;*

7. *Illi r-rikorrent interpella lill-intimat sabiex iħallsu s-somma ta' sbatax il elf u erbgħa mitt Euro (€17,400) bħala prezz tal-vettura Honda S2000 li kienet ġiet trasferita lilu fl-2011 flimkien mal-imgħax mid-data tal-istess trasferiment kif ukoll is-somma ta' sebgħa mija u sebgħa u disgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€797.54) kif ukoll l-ispejjeż li ġie kkundannat iħallas lir-rikorrenti bis-saħħa tas sentenza hawn qabel ċitata, u dan permezz ta' ittra uffiċjali tad-29 ta' Jannar, 2015;*

8. *Illi l-intimat baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

2. Rat illi fis-26 ta' Ġunju 2015 l-intimat irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

1. *Illi in linea preliminari l-azzjoni hija preskritta ai termini tal Artikolu 1431(1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Qabel ma jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet il-Qorti trid tara x'qed jintalab mill-attur għax huma t-talbiet li jiddeterminaw in-natura tal-azzjoni u konsegwentment il-validità tal-eċċezzjonijiet imressqa.*

3. *Issa fil-każ in eżami l-attur qed jitlob li jiġi dikjarat li l-konvenut qatt ma ħallas il-prezz għal Honda S2000 li ġiet trasferita lilu fil-2011 mill-attur meta sar it-tpartit mal-BMW tal-konvenut.*

4. *Illi effettivament il-bażi tal-allegazzjoni tal-attur li l-konvenut ma ħallasx flus meta sar it-tpartit ġejja mill-fatt li f'kawża oħra l-attur ġie kkundannat li jirrifondi lil Karl Buhagiar is-somma ta' sbatax-il elf u erba' mitt Euro (€17,400) rappreżentanti l-prezz tal-istess BMW li huwa kien biegħ lil Buhagiar u li skont is-sentenza tal-15 ta' Jannar, 2015 ġie dikjarat li kien fiha difetti latenti.*

5. *Illi huwa abbażi ta' dina d-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-attur odjern issa qed jaġixxi kontra l-konvenut u qed jallega li ma sarx pagament. Illi effettivament kien sar tpartit bejn il-partijiet ta' Honda ma' BMW u l prezz tat-tpartit kien il-valur taż-żewġ karozzi. L-attur għalhekk ma jistax jgħid li ma kinux għaddew flus meta sar it-tpartit. L-allegazzjoni tiegħu hija biss bażata fuq l-allegat difett latenti fil-BMW.*

6. *Illi għalhekk il-bażi tal-azzjoni attriċi hija l-allegazzjoni li l-vettura BMW kien fiha difetti latenti kif sabet il-Qorti fis-sentenza fuq riferita.*

   *Għalhekk f'dana l-każ tapplika l-preskrizzjoni għal każi ta' bejgħ ta' oġġetti mobbli illi huma difettużi. Issa fil-każ in eżami l-Qorti sabet li l attur odjern kien jaf, meta biegħ il-BMW lil Buhagiar, li dina kienet difettuża. L-attur odjern ma appellax minn din is-sentenza għalhekk hu qed jaċċetta li kien jaf li l-BMW kienet difettuża meta biegħha lil Buhagiar. Illi l-bejgħ sar fil-2011 għalhekk it-terminu ta' sitt xhur jibda għaddej minn dakinhar u mhux minn meta l-attur kixef id-difett, billi hemm dikjarazzjoni tal-Qorti illi huwa kien jaf fil-2011 li l-BMW kienet difettuża.*

7. *Għalhekk l-azzjoni attriċi kienet preskritta.*

8. *Illi fis-27 ta' Lulju 2010 l-esponent kien xtara mingħand dealership tal-karozzi, PC Motors BMW 120D M Sport Hatchack bin-numru ta' reġistrazzjoni IBI 230 għall-prezz ta' tmintax-il elf u disa' mitt Euro (€18,900).*

9. *Illi l-mileage dikjarat fuq l-invoice mogħti lill-esponent minn PC Motors kien dak ta' tmienja u ħamsin elf (58,000) invoice anness u mmarkat bħala Dok. EB1.*

10. *Rappreżentant ta' PC Motors kien anki għamel VRT test fuq l-imsemmija vettura qabel ma ttrasferixxa l-imsemmija vettura lill-esponent fejn kollox irriżulta illi kien tajjeb.*

11. *Illi wara illi rriżulta illi kollox kien kif suppost l-esponent xtara l-imsemmija vettura għall-prezz hawn fuq imsemmi.*

12. *Illi l-esponent minn dejjem xtaq jakkwista Honda S2000 peress illi hija karozza sportiva rinomata u fl-2011 ġietu l-opportunità illi jpartat il BMW 120D M Sport Hatchback għall-Honda S2000 mar-rikorrent Sandro Falzon u dan wara illi ra riklam fuq sit partikolari (Malta Park).*

13. *Illi kemm l-esponent u kif ukoll ir-rikorrent qabel ma partu l-imsemmija vetturi għamlu test drives u kienu kuntenti bl-imsemmija vetturi u għalhekk sar it-tpartit tal-karozzi mertu tal-kawża.*

14. *Illi meta sar it-tpartit il-karozzi nbiegħu tale quale bħala second hand.*

15. *Illi meta l-esponent xtara l-BMW mingħand PC Motors qatt ma kien konxju li kien hemm difetti latenti u gravi fil-BMW għax kieku ma kienx se jixtriha għall-prezz li huwa xtraha u kieku nduna li kien fiha difetti kien iħassar il-bejgħ. Iżda huwa uża l-karozza għal xi sena u qatt ma tagħtu problemi.*

16. *Illi l-esponent ma kienx issejjaħ bħala parti fil-kawża 945/2011/JPG u għalhekk is-sentenza ma tagħmilx stat fil-konfront tiegħu.*

17. *Illi l-esponent mhux xi car dealer li jinnegozja fil-karozzi (dan ġie ikkonfermat fil-kawża msemmija mill-esponent stess – a fol. 194) u mhux*

*midħla ta' kif jitbagħbas il-mileage fil-vetturi jekk kien hemm każ ta' tbagħbis fil-mileage.*

3. Rat illi fl-20 ta' Frar 2023, l-intimat ippreżenta risposta ulterjuri tal-20 ta' Frar 2023, fejn eċċepixxa li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1423 tal-Kap 16.

4. Rat illi fl-1 ta' Lulju 2015 il-kawża tħalliet għall-provi u deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat, ossija l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1431 (1) u (2) tal-Kap 16.

**Provi:**

5. Rat illi fis-16 ta' Ottubru 2015, ġie ippreżentat l-affidavit ta' **Ebenezer Attard** dwar il-preskrizzjoni (fol 51).

6. Rat ix-xhieda ta' Ebenezer Attard in kontro-eżami tas-16 ta' Diċembru 2015 (fol 57).

7. Rat is-sentenza preliminari tal-1 ta' Marzu 2016, mogħtija minn din il-Qorti diversament ippreseduta dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat, fejn il-Qorti laqgħet tali eċċezzjoni u ddikjarat l-azzjoni tar-rikorrent preskritta bit-trapass taż-żmien wara illi qieset l-azzjoni odjerna bħala azzjoni redhibitorja.

8. Rat li dik is-sentenza preliminari ġiet appellata.

9. Rat illi permezz ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju 2021, ġie milqugħ l-appell, u ġiet imħassra is-sentenza tal-ewwel Qorti ta' l-1 ta' Marzu 2016, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, u b'hekk intbagħtu lura l-atti lill-ewwel Qorti.

10. Rat illi fl-14 ta' Lulju 2021 il-Qorti li kienet qed tippresjedi l-każ irrekużat ruħha, fuq talba tar-rikorrent.

11. Rat illi fis-7 ta' Settembru 2021 il-kawża ġiet appuntata minn dina l-Qorti, kif ippresjeduta, għall-25 ta' Novembru 2021.

12. Rat illi fil-25 ta' Novembru 2021, wara illi l-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-proċess tal-Appell, il-kawża ġiet differita għall-provi rikorrenti fuq il-meritu.

13. Rat illi fil-11 ta' Mejju 2022 ġie ppreżentat l-affidavit ta' Sandro Falzon (fol 11) flimkien ma' dokumentazzjoni.

14. Rat in-nota tar-rikorrent ippreżentata fis-16 ta' Ġunju 2022, li permezz tagħha ippreżenta ċ-ċedola numru 1281/2011 li bih Karl Buhagiar iddeposita l-vettura BMW 120D fi proċeduri ta' rexissjoni illi huwa kien għamel kontra r-rikorrent odjern. (fol 21)

15. Rat iċ-ċedoli 1386/2011, u 1546/2011 fl-ismijiet Carmel Buhagiar vs Sandro Falzon (fol 25 *et sequitur*) ippreżentati wkoll fis-16 ta' Ġunju 2022.

16. Rat ir-rikors ta' l-intimat tas-27 ta' Ottubru 2022, li permezz tiegħu, talab li jitħalla jressaq eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni (fol 30).

17. Rat li fit-3 ta' Novembru 2022, din il-Qorti kif ippreseduta awtorizzat lill-intimat sabiex jippreżenta l-eċċezzjonijiet ulterjuri ta' preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 1423 tal-Kap 16 (fol 32), liema eċċezzjonijiet ulterjuri ġew ippreżentati fl-20 ta' Frar 2023 (fol 33).

18. Rat li fl-20 ta' Frar 2023, il-partijiet qablu illi ma kienx hemm aktar provi x'jiġu ppreżentati w għalhekk il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

19. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrent ippreżentata fil-21 ta' April 2023 (fol 35).

20. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali ta' l-intimat Ebenezer Attard ippreżentata fil-5 ta' Lulju 2023 (fol 47).

**Fatti tal-każ**

21. Jirriżulta li fis-sena 2011, il-partijiet kienu partu żewġ vetturi, fejn l-intimat partat u biegħ lir-rikorrent il-vettura BMW M Sports Hatchback, u l-intimat Ebenezer Attard ħa l-vettura Honda S 2000, fejn il-partijiet qablu illi l-valur taż-żewġ vetturi kien l-istess.

22. Jirriżulta li xahrejn biss wara dan it-tpartit, ossija fis-27 ta' Mejju 2011, ir-rikorrent biegħ l-imsemmija vettura BMW M Sports Hatchback, għall-prezz ta' sbatax-il elf u erba' mitt Ewro (€17,400) lil ċertu Karl Buhagiar.

23. Jirriżulta sussegwentement, li wara li rriżultaw xi ħsarat fl-imsemmija vettura, fit-3 ta' Ottubru 2021, Karl Buhagiar istitwixxa proċeduri legali kontra r-rikorrent permezz ta' Rikors Numru 945/2011 fejn talab għar-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ peress illi l-vettura kienet affetta minn vizzju redhibitorju, u l-bejgħ ta' din il-vettura kien ġie rexiss.

24. Jirriżulta illi fil-15 ta' Jannar 2015 it-talba ta' Karl Buhagiar intlaqgħet, fejn ġie dikjarat li r-rikorrent kien jaf bid-difetti moħbija, liema sentenza ma ġietx appellata mir-rikorrent.

25. Jirriżulta illi permezz ta' tali sentenza, ir-rikorrent ġie ikkundannat iħallas lil Karl Buhagiar is-somma ta' sbatax-il elf u erba' mitt Ewro (€ 17,400) bħala prezz tal-vettura Honda S 2000 li kienet ġiet trasferita lilu fis-sena 2011, kif ukoll l-ispejjeż ta' seba' mija, sebgħa u disgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€797.54), li b'kollox jagħmlu total ta' tmintax-il elf, mija u sebgħa u disgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 18,197.54).

26. Jirriżulta li sussegwentement, ir-rikorrenti interpella lill-intimat iħallas is-somma ta' tmintax-il elf, mija u sebgħa u disgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 18,197.54).

27. Jirriżulta illi eventwalment, fis-17 ta' April 2015, ir-rikorrent nieda l-proċeduri odjerni fejn talab lill-intimat iħallas is-somma ta' sbatax-il elf u erba' mitt Ewro (€ 17,400) bħala prezz tal-vettura Honda S 2000 li kienet ġiet trasferita lilu fis-sena 2011, kif ukoll l-ispejjeż ta' seba' mija, sebgħa u disgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 797.54).

**Ikkunsidrat**

28. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi r-rikorrent qiegħed, permezz tal-azzjoni preżenti, jitlob li jiġi dikjarat li l-intimat Ebenezer Attard **qatt ma ħallas il-**

**<u>prezz għall-vettura Honda S 2000</u>**, u għalhekk l-istess rikorrent talab li jitħallas lura l-ammont ta’ sbatax-il elf u erba’ mitt Ewro (€ 17,400) bħala prezz tal-vettura u qed jitlob ukoll lill-intimat għandu jħallas lir-rikorrent is-somma ta' seba’ mija, sebgħa u disgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 797.54) rappreżentanti l-ispejjeż tal-kawża fl-ismijiet “***Karl Buhagiar vs Sandro Falzon***” Rikors numru 945/2011 JPG deċiża fil-15 ta' Jannar 2015.

29. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat irrespinġa l-pretensjonijiet tar-rikorrenti, billi eċċepixxa, li l-bażi ta' l-allegazzjoni tar-rikorrent ġejja mill-fatt, li fil-kawża l-oħra Rikors numru 945/2011, ir-rikorrent ġie ikkundannat li jirrifondi lil Karl Buhagiar is-somma in rappreżentanza għall-prezz ta' l-istess vettura BMW, minħabba li ġie dikjarat fl-istess sentenza li il-vettura kien fiha difetti latenti, u kien proprju abbażi ta' dik is-sentenza ir-rikorrent qed jaġixxi fil-każ odjern.

30. Dwar il-vettura, l-intimat sostna li xtara l-vettura BMW mingħand dealer tal-karozzi, kien anki għamel il-VRT u kien kollox kif suppost, u qabel ma partu iż-żewġ vetturi, l-partijiet kienu għamlu test drive, u kienu kuntenti bl-imsemmija vetturi u meta sar it-tpartit, il-vetturi nbiegħu *tale quale* bħala ‘second hand’. L-intimat sostna wkoll li huwa ma kienx issejjaħ parti fil-kawża numru 945/2011 JPG.

**L-eċċezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 1423 tal-Kap 16**

31. Fir-risposta ulterjuri, meta l-intimat ġie awtorizzat jippreżenta risposta ulterjuri, huwa eċċepixxa li l-azzjoni tar-rikorrent hija preskritta ai termini tal-artikolu 1423 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

32. **L-artikolu 1423 tal-Kap 16** jipprovdi hekk:

> *“F'kull każ li għalih ma jkunx ġie stabbilit żmien aqsar l-azzjoni għall-garanzija minħabba evizzjoni taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn li jibdew jgħoddu minn dakinhar illi s-sentenza li biha x-xerrej ikun ġie kkundannat tgħaddi f'ġudikat.”*

33. Dwar il-preskrizzjoni, l-intimat Attard issottometta li huwa tali preskrizzjoni peress illi, la darba l-artikolu 1493 tal-Kodiċi Civili jgħid li r-regoli kollha dwar il-kuntratt ta' bejgħ jgħoddu wkoll għal kuntratt ta' tpartit, għaldaqstant, l-azzjoni tar-rikorrent, illi kienet waħda ta’ garanzija, kienet taqa’ bil-preskrizzjoni ta’ sentejn stabbilita fl-Artikolu 1423 li tikkonċerna l-perjodu sa meta azzjonijiet abbażi ta’ ksur ta’ Garanzija għad-difetti kellhom jiġu mibdija.

34. Ir-rikorrent, mill-banda l-oħra, saħaq illi l-azzjoni odjerna kienet “azzjoni għall-ħlas ta’ kull kreditu ieħor li ġejjin minn operazzjonijiet jew ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond il-Liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku”, kif aħjar deskritt fl-Artikolu 2156 tal-Kap 16, u għalhekk kellha tapplika l-perjodu ta’ preskrizzjoni ta’ ħames snin.

35. Il-Qorti tosserva li l-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta’ Mejju 2021, kienet indikat biċ-ċar x’tip ta’ azzjoni hija dik odjerna, u dana meta qalet is-segwenti:

*Hu evidenti li l-kawża li ppreżenta l-attur mhijiex sabiex jieħu lura parti mill-prezz jew sabiex il-konvenut jagħti lura l-vettura Honda S2000 lill-attur filwaqt li l-attur jagħti lura lill-konvenut il-vettura BMW. B'din l-azzjoni l-attur talab sempliċement li jitħallas il-valur tal-vettura Honda S2000 għaliex isostni li l-vettura li ħa bi tpartit mingħand il-konvenut, ma kellhiex valur. Pero' mhuwiex ifittex biex iħoll bejgħ jew inaqqas il-prezz.*

36. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi l-azzjoni odjerna ma hijiex waħda fejn il-bejjiegħ qiegħed jitlob jagħmel tajjeb għall-garanzija tal-pussess paċifiku tal-ħaġa mibjugħa, kif pprovdut fl-Artikolu 1409 et seq tal-Kodiċi Ċivili, u kwindi dak ipprovdut fl-Artikolu 1423 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa għal kollox irrelevanti għall-każ odjern u għat-talbiet.

37. Konsegwentement, tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 1423 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

38. Jibda biex jingħad li l-punto di partenza f'dan il-każ huwa x'wassal għall-azzjoni odjerna.

39. Jirriżulta, di fatti, illi l-partijiet kienu skambjaw bejniethom żewġ vetturi illi kellhom, fejn ir-rikorrent ingħata BMW M Sports Hatchback mill-intimat filwaqt illi l-intimat ingħata Honda S2000 mir-rikorrent in kontro kambju.

40. Jirriżulta illi f'tali transazzjoni, ma sar ebda pagament, stante illi l-vetturi tqiesu ta' l-istess valur.

41. Jirriżulta li, sussegwentement, r-rikorrent ipproċeda li jbiegħ il-BMW li kien tah l-intimat lil ċertu Karl Buhagiar, li wara intebaħ li kien hemm difetti fil-vettura u għalhekk talab, u eventwalment ottjena, r-rexissjoni tal-bejgħ wara li għamel proċeduri fil-Qorti għal dan il-għan.

42. Jirriżulta illi, fil-kawża li rebaħ Karl Buhagiar kontra r-rikorrent odjern, Sandro Falzon, il-Qorti qalet hekk:

*"Ill il-Qorti hija tal-fehma li dawn id-difetti kienu latenti u gravi, u l-mileage reali kien tali li ibiddel il-fehma ta' l-attur għal dak li jirrigwarda d-deċiżjoni tiegħu, li jew addirittura ma jixtrix il-vettura jew jekk jixtri l-vettura jixtriha ċertament għall-prezz ferm aktar baxx. Il-gravità hija ikkonstatata wkoll mill-espert tekniku li kkonfermat l-ħtieġa ta' spiża ta' €4,553.32 sabiex tiġi ripristinata il-magna tal-vettura in kwistjoni. Huwa kważi superfluwu li jingħad li d-difetti okkulti indikati aktar il fuq kienu pre-eżistenti u anteċedenti għall-bejgħ tal-vettura in kwistjoni.*

*Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu l-elementi kollha neċessarji għall-azzjoni redhibitorja ai termini tal-artikolu 1429 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid illi f'każ ta' actio redhibitoria, jekk il-bejjiegħ ma kienx jaf bid-difetti latenti, il-bejjiegħ ikun obbligat li jrodd lura l-prezz lilu imħallas u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-bejgħ lix-xerrej.*

> *Mill-provi jirriżulta, illi l-attur ħallas lill-konvenut is-somma ta' sbatax-il elf u erba' mitt Ewro (€17,400) prezz tal-vetturi in kwistjoni. Infatti, tmint elef Ewro € 8000 tħallsu permezz ta' 'cheque', waqt li disat elef u erba' mitt ewro (€ 9,400) tħallsu fi flus kontanti. Dan l-ammont ma ġiex ikkontestat mill-konvenut.*
>
> *Illi a rigward l-ispejjeż in konnessjoni mal-bejgħ, din il-Qorti hija prekluża milli tillikwida kwalunkwe somma stante li l-attur ma ressaq ebda prova in konnessjoni mal-istess.*
>
> *L-attur fil-ħames talba tiegħu, talab għad-danni minnu sofferti konsegwenti għall-każ in eżami, stante li l-konvenut kien jaf bid-difetti in kwistjoni.*
>
> *Il-Qorti għandha konvinċiment morali, li l-konvenut kien jaf bid-difetti okkulti fuq indikati, il-għaliex kien irreklama l-vettura in kwistjoni bħala vettura li kellha sid wieħed meta l-konvenut kien jaf li kien xtara vettura diġa second hand, inoltre` huwa reklam għall-vettura b'BMW service history' meta bħala stat ta' fatt dan il-history qatt ma ġie kkonsenjat lill-attur."*

43. Jirriżulta illi, abbażi ta' tali sentenza, ir-rikorrent ipproċeda biex jistwixxi l-proċeduri odjerni, fejn huwa indika li l-Qorti kienet ddikjarat il-vettura ta' l-intimat bħala 'bla valur', u għalhekk, talab li jitħallas is-somma ta' €17,400, li kien il-valur tal-vettura fl-iskambju, kif ukoll tal-ispejjeż imposti lilu fil-kawża 945/2011 li għamel kontrih b'suċċess Karl Buhagiar.

44. Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi, ma huwiex minnu illi l-vettura hija bla valur, kif jindika r-rikorrent.

45. Jirriżulta, di fatti, kif indikat aktar il-fuq, illi l-vettura li l-partijiet kienu ftehmu li tiswa €17,400 fil-mument illi sar it-tpartit, kellha ssirilha varji xogħolijiet ta' riparazzjoni u fuqha, li b'kollox jammontaw għal €4,553.32.

46. Dak ifisser, allura illi, kuntrarjament għal dak indikat mir-rikorrent, il-vettura ma hijiex mingħajr valur, iżda għandha ssirilha xi xogħolijiet biex tkun tista' tiġi riparata, u tkun vijabbli mill-ġdid.

47. Issa, fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex jiġi dikjarat li l-intimat qatt ma ħallas prezz. Dwar in-natura tat-transazzjoni bejn il-partijiet, ossija dak ta' tpartit, l-artikolu **1485 (1) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li:

> "*It-tpartit hu kuntratt li bih il-partijiet jobbligaw ruħhom li jagħtu lil xulxin ħaġa li ma tkunx flus."*

48. Kif ukoll l-**artikolu 1486(2) tal-Kodiċi Ċivili** jgħid:

> *"Jekk is-somma ta' flus li wieħed mill-partijiet intrabat li tħallas, tkun taqbeż il-valur tal-ħaġa li dik il-parti tintrabat li tagħti, il-kuntratt jitqies bħala xiri u bejgħ għall-ħwejjeġ kollha illi l-partijiet ikunu ntrabtu li jagħtu lil xulxin."*

49. Fil-każ odjern, jidher ċar illi ż-żewġ partijiet qablu illi l-prezz taż-żewġ vetturi kellu jkun ta' €17,400.

50. Għaldaqstant, għandu jirriżulta wkoll illi, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrent, stante illi t-transazzjoni bejn il-partijiet kien wieħed ċarament ta' tpartit, ebda somma ma tħallset mhux għax, kif jikkontendi r-rikorrent, l-intimat ma ħallasx dak minnu dovut, iżda għax il-partijiet ftehmu illi jpartu fuq valuri identiċi żewġ vetturi flok ma jħallsu għall-valur tagħhom.

51. Għalhekk, ma jistax jiġi dikjarat mill-Qorti li ebda somma ma tħallset, peress illi n-natura tat-transazzjoni kienet, min-natura tagħha, tirrikjedi illi ma jsir ebda ħlas.

52. Dan naturalment ifisser illi lanqas it-tieni talba tar-rikorrenti ma tista' tintlaqa', peress illi ma huwiex minnu li l-intimat huwa debitur tar-rikorrent fis-somma ta' €17,400, ossija il-valur tal-vettura BMW illi l-intimat kien partat mar-rikorrent.

53. Mill-banda l-oħra, it-tielet talba timmerita illi tiġi kkunsidrata favorevolment.

54. Dana qiegħed jingħad, għax il-Qorti tifhem li, riżultat ta' difett latenti li kien hemm fil-vettura ta' l-intimat, l-istess rikorrent spiċċa sofra spejjeż ulterjuri riżultat ta' azzjoni legali meħuda kontra tiegħu.

55. Jirriżulta illi d-danni sofferti mir-rikorrent riżultat ta' tali azzjoni, kienu jammontaw għal €797.54 flimkien mal-ispejjeż kollha, kemm tiegħu kif ukoll dawk ta' Karl Buhagiar, kif indikati fis-sentenza tal-Prim Awla Ċitazzjoni Nru 945/2011 deċiża fil-15 ta' Jannar 2015.

56. Jirriżulta ċar illi, permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikorrent qiegħed jittenta jirkupra d-danni minnu sofferti riżultat tal-problemi illi nstabu fil-vettura tar-rikorrent. Mill-banda l-oħra, għal raġunijiet illi jafhom biss ir-rikorrent, l-istess rikorrent naqas milli jitlob għall-ħlas tad-danni minnu inkorsi, jew li jista' jinkorri, sabiex jirranġa l-vettura, u minflok talab li jintradd lura lilu l-valur tal-vettura kollha meta, attwalment, ma huwiex minnu illi l-vettura hija bla valur.

57. La darba l-uniċi danni illi jirriżultaw fit-talbiet rikorrenti, jirrigwardaw dawk pertinenti għas-somma indikata bħala danni fil-każ 945/2011 kif ukoll l-ispejjeż, din il-Qorti ma tistax tmur oltre hija u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent.

58. Jirriżulta wkoll illi, filwaqt li r-rikorrent naqas milli jippreżenta kopja tat-taxxa uffiċjali tal-ispejjeż, il-proċess tal-kawża 945/11 JPG ġie allegat mal-atti tal-proċeduri odjerni, u minn hemm jirriżulta illi l-ispejjeż kollha legali ta' Karl Buhagiar jammontaw għal €4,141.64 filwaqt illi dawk tiegħu jammontaw għal €2,498.04, u għalhekk it-total tal-ispejjeż inkorsi mir-rikorrent fil-kawża 945/11 huwa ta' €6,639.68.

59. Għalhekk, għandu jirriżulta mill-provi illi l-intimat Attard għandu jħallas lir-rikorrent is-somma ta' €797.54 flimkien ma' €6,639.68, li flimkien jagħmlu total ta' €7,437.22.

60. Ikkunsidrat dan kollu, din il-Qorti tasal biex tikkonkludi li, filwaqt illi l-ewwel żewġ talbiet, kif redatti, ma jistgħux jiġu milqugħa minn dina l-Qorti, għar-raġunijiet fuq spejgati, it-tielet talba kif redatta, flimkien mat-talbiet sussidjarji sussegwenti, bħala talba għad-danni, kif redatta, għandha tintlaqa'.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha u l-provi kollha prodotti quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha, kemm dawk oriġinali kif ukoll dawk ulterjuri, ta' l-intimat, fejn kompatibbli ma dak illi ser jiġi deċiż.

Tiċħad l-Ewwel u Tieni Talba tar-rikorrent.

Tilqa' t-Tielet Talba u tiddikjara illi l-intimat Ebeneezer Attard għandu jagħmel tajjeb għas-somma ta' €797.54 kif ukoll l-ispejjeż legali tal-kawża 945/11, fl-ammont ta' €6,639.68, li flimkien jagħmlu total ta' €7,437.22.

Tilqa r-raba' talba u tillikwida, għalhekk, id-danni dovuti lir-rikorrent mill-intimat fl-ammont ta' €7,437.22.

Tilqa' l-ħames Talba u Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma ta' €7,437.22 għar-raġunijiet fuq deskritti.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku ta' l-intimat.

Imgħax ikun dovut fuq is-somma hekk likwidata, mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur